31994R2980

8.12.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 315/2

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI(KE) Nru 2980/94
tas-7 ta' Diċembru 1994
li jiftaħ kwoti ta' l-importazzjoni kwantitattivi għall-prodotti tat-tessuti f'kategoriji 146A u146B mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar ir-regoli komuni tal-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni tal-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi li m'għandhomx trattat bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew permezz ta' regoli tal-Komunità dwar importazzjoni speċifika [1], kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 2798/94 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) u (5) tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 25(4) tiegħu,

Billi l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 517/94 jipprovdi li prodotti tat-tessuti msemmija fl-Anness V li joriġinaw mill-pajjiżi elenkati jistgħu jkunu importati biss jekk ikun stabbilit limitu kwantitattiv annwali skond il-proċeduri relatati li jinsabu fl-Artikolu 25;

Billi saret talba lill-Kummissjoni minn żewġ Stati Membri għall-introduzzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni li jkopru prodotti f'kategoriji 146A u 146B mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina sabiex ilaħħqu ma' ċerti bżonnijiet tas-suq; billi l-kumitat imwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 25, wara diskussjoni, ħaseb li jkun xieraq fid-dawl ta' l-istat tal-industrija tal-Komunità li jiddieċiedi dwar 15 u 110 tunellati rispettivament bħala l-limiti kwantitattivi annwali li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti f'kategoriji 146A u 146B li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandhom ikunu soġġetti mid-data li fiha dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ; billi għalhekk jeħtieġ li jkunu emendati l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 517/94 u sabiex ikun stipulat, fl-interess tas-sigurtà legali li l-kwota tkun amministrata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Regolament;

Billi dawn il-miżuri huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tat-tessuti f'kategoriji 146A u 146B mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina hi soġġetta għal limiti kwantitattivi annwali ta' 15 u 110 tunellati rispettivament li jkunu amministrati skond il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 517/94.

Artikolu 2

L-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 517/94 għandhom jkunu emendati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara il-pubblikazzjoni fil-Ġunral Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot għal kollox u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU C 67, ta' l-10.3.1994, p. 1.
[2] ĠU C 297, tat-18.11.1994, p. 6.

L-ANNESS

"L-ANNESS IV

Limiti kwantitattivi Annwali tal-Komunità imsemmija fl-Artiklu 3 (1)

(Il-deskrizzjonijiet tal-prodott tal-kategoriji mniżżla f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

ĊINA

Kategorija	Unit	Kwantità
ex 13 (1)	1 000 biċċa	150
ex 18 (1)	tunnellati	98
ex 20 (1)	tunnellati	10
ex 24 (1)	1 000 biċċa	120
ex 39 (1)	tunnellati	10
ex 78 (1)	tunnellati	3
115	tunnellati	450
117	tunnellati	450
118	tunnellati	950
120	tunnellati	63
122	tunnellati	130
123	tunnellati	5
124	tunnellati	600
125 B	tunnellati	8
127 B	tunnellati	5
ex 136 (1) (2)	tunnellati	285
140	tunnellati	100
145	tunnellati	7
146 A	tunnellati	15
146 B	tunnellati	110
146 C	tunnellati	270
156	tunnellati	760
157	tunnellati	5 400
159	tunnellati	3 020
160	tunnellati	30
161	tunnellati	10 777

(1) Il-kategoriji mmarkati 'ex' ikopru prodotti ghajr dawk tas-suf jew xaghar fin, tajjar jew materjal tat-tessuti sintetiku jew artifiċjali.

(2) Din il-kategorija tkopri biss drapp u prodotti ohra tal-harir ghajr dawk li mhumiex imbajjda, mgħorrka, mbajjda taht il-kodiċi CN: 5007 20 19, 5007 20 31, 5007 20 39, 5007 20 41, 5007 20 59, 5007 20 61, 5007 20 69, 5007 20 71, 5007 90 30, 5007 90 50, 5007 90 90.

L-ANNESS V

Imsemmi fl-Artiklu 3 (3)

(Id-deskrizzjonijiet tal-prodott tal-kategoriji mniżżla f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

ĊINA

Kategoriji 121, 125 A, 126, 127 A, 133, 137, 141, 151 B."